MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 16 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 1096/1997/1

Oliver Cachia
vs
Il-Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-ewwel ta' Novembru 1990 u t-tlieta u ghoxrin ta' Jannar 1991 huwa sofra ingustizzja f'li nghata sospensjoni ghal perjodu ta' disa' xhur minghajr salarju.

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu kif gej:

Illi r-rikorrent kien gie impjegat bhala skrivan mal-bank Centrali f'Mejju 1976 u nghata l-kariga ta' supervisor fl-1987. Bejn l-1976 u l-1990 dejjem qeda dmiru sewwa u qatt ma kellu rapport kontrih.

Bejn l-ewwel ta' Novembru 1990 u t-tlieta u ghoxrin ta' Jannar 1991, meta kien qed jaghmel xoghol ta' Chief Cashier, safa' rikoverat fis-sodda minhabba mard. Minhabba li wiehed mid-dmirijiet tieghu kien li jiftah is-safe tal-Banking Office flimkien ma' persuna ohra, huwa ghadda c-cavetta f'envelope issigillat lil wiehed mill-ufficcjali l-aktar anzjani tal-Bank Centrali.

Minhabba f'hekk gie sospiz ghal disa' xhur shah minghajr paga. Gie mwaqqaf Tribunal Dixxiplinarju. Dahal lura ghax-xoghol. Gie trasferit f'ufficcju iehor u kien jidher car li s-superjuri bdew jimponu ghadd ta' restrizzjonijiet fuqu. Minhabba f'hekk kien kostrett li jirrizenja mill-impieg tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dawn l-ilmenti skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li s-sospensjoni qatt ma sehhet u li jigi kkumpensat ghal dak kollu li gie mtellef, skond kif jiddeciedi t-Tribunal, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas lilu kumpens f'ammont ta' hamest elef lira (Lm5000).

Ra l-lista tax-xhieda .

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta li eccepixxa:

Illi t-talbiet tar-rikorrent ma humiex gustifikati u huma nfondati u ghalhekk ghandhom jigu michuda.

Ir-rikorrent gie mpjegat mal-Bank Centrali ta' Malta bhala skrivan fl-1976.

Fis-sena 1981 huwa nhatar skrivan grad II filwaqt li fl-1987 gie promoss ghal grad ta' supervisor.

Fis-27 ta' Novembru huwa ta notice tar-rizenja tieghu mill-impieg mal-Bank u b'hekk ittermina **voluntarjament** l-impieg li kellu.

Illi r-rikorrent qal li sofra ngustizzja minhabba s-sospensjoni tieghu fl-impieg u talab li jinghata kumpens ghal xi telf li qal li sofra bhala konsegwenza ta' din is-sospensjoni.

Illi fil-11 ta' Mejju 1990 ir-rikorrent gie sospiz b'nofs salarju minhabba **tmien** akkuzi serji fosthom li b'negligenza ma osservax l-istruzzjonijiet tal-Bank fejn ghandu x'jaqsam mac-cwievet tas-strongrooms.

Ir-rikorrent inghata hmistax-il gurnata zmien biex iwiegeb ghall-akkuzi komunikati lilu bil-miktub.

Kif jidher mill-ittra bhala 'Dok Y' l-akkuzi kontra r-rikorrent kienu diversi u gravi u mhux kifipprova jpingi huwa, kellhom biss jaqsmu man-nuqqas ta' osservazzjoni tar-regoli li jirregolaw il-bdil tac-cwievet.

Bhala konsegwenza ta' dawn l-akkuzi l-Bank hatar Bord ta' Dixxiplina kompost minn tliet persuni cioe` Avukat indipendenti bhala Chairman u zewg persuni mill-management bhala z-zewg membri l-ohra ta' dan il-Bord.

Dan il-Bord investiga l-kaz u r-rikorrent inghata kull ghajnuna biex jipprezenta d-difiza tieghu.  Fil-fatt kellu jassistieh l-Avukat Toni Abela.

F'Novembru 1990 dan il-Bord ippronunzja d-decizjoni tieghu fejn sab lir-rikorrent hati ta' sitta mill-akkuzi migjuba kontrih kif ukoll ghall-parti minn akkuzi ohra.

Il-Bord fid-decizjoni tieghu rrakkomanda illi lir-rikorrent:
(a) jinzammulu zewg increments mis-salarju tieghu;
(b) ma jigix kunsidrat ghall-promozzjoni ghal perjodu ta' tliet (3) snin;
(c) illi jekk ir-rikorrent jerga' jonqos gravement fl-ezercizzju tal-impieg tieghu jigi mkecci u;
(d) li l-kumplament tas-salarju nkluz il-bonus u allowances mill-11 ta' Mejju 1990 sa Novembru 1990 jigu forfeited.

Ir-rikorrent fis-26 ta' Novembru 1990 gie mitlub biex jerga' jidhol ghax-xoghol.

L-ghada minflok ma' rega' dahal ghax-xoghol baghat in-notice tar-rizenja tieghu u fit-30 ta' Novembru l-Bank infurmah li kien accetta din in-notice u hallsu s-salarju kollu dovut lilu tan-"Notice Period".

Illi kif juru l-fatti fuq esposti u kif jigu aktar dettaljatament spjegati tul it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, il-Bank mexa b'mod gust u oggettiv fil-konfront tar-rikorrent u ghalhekk it-talbiet tieghu li huma kompletament infondati ghandhom jigu michuda.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi l-ewwelnett it-Tribunal irid bilfors jiddikjara illi sospensjoni mhix wiehed mill-aspetti msemmija taht l-Artikolu 6 Subartikolu 1 tal-Kap 394. Hawnhekk it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnu stess kif presjedut fil-kawza fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oil Field Services Company Ltd deciza fl-14 ta' Dicembru 1999, fejn hemmhekk kif ukoll f'kawzi ohra, t-Tribunal ezamina diversi aspetti ta’ kompetenza u kien ikkonkluda illi:
L-ewwel rekwizit huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub;

Sekondarjament li r-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja;

It-tielet element hija li l-ingustizzja tkun b’konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun

saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab;

Ir-raba' rekwisit hu li l-ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika 1-Att; u

Il-hames element hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) ta' l-Artikolu 6 Subartikolu 1.

Minn dan l-ezami kien hareg car illi terminazzjoni sakemm ma tkunx kawza ta' Constructive Dismissal mhix koperta mill-Att. It-Tribunal ma kellux kompetenza l-anqas dwar hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, dwar bonus kif ukoll allownaces, telf ta' increments, fabbrikazzjoni ta' rapporti hziena fuq ir-rikorrent, cahda ta' allowances, divjett tar-rikorrent milli jsuq vetturi, li r-rikorrent ma giex moghti overtime, sakemm dan ma jkunx konness ma xi transfer, nuqqas ta' hlas ta' paga, nuqqas ta' hlas ta' grant jew ghotja, danni sofferti kawza ta' incident fuq ix-xoghol, ordni ta' l-Awtorita` Marittima biex ir-rikorrent jorbot l-iskuna tieghu post iehor, ghoti ta' medalja, kwistjoni dwar leave.

Bl-istess mod sospensjoni mhix wahda mill-kazijiet fuq imsemmija u ghalhekk tezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal. Izda hawnhekk wiehed irid jara u jezamina jekk kawza ta' dik is-sospensjoni, illi r-rikorrent giex affettwat taht aspetti ohra specifikatament imsemmija fl-Att u cioe` jekk kawza ta' dik is-sospensjoni baghtiex b'trasferimenti jew batiex xi nuqqas ta' hatra, promozzjoni.

Fl-affidavit tieghu <u>r-rikorrent</u> ikkonferma l-kontenut tar-rikors. Meta spicca mill-Bank Centrali kien spicca fil-grad ta' supervisor. Hu kien dam impjegat mal-Bank Centrali mill-1976 sal-1990 u cioe` 14-il sena. Semma illi fil-fatt kien ha l-promozzjonijiet li kelli jiehu b'mod regolari. L-ahhar posting li kellu mal-Bank Centrali kienet bhala supervisor tal-kaxxiera fil-Banking Department. Fost ir-responsabilitajiet tieghu kellu c-cavetta u cioe` kien key holder tal-vaults tal-Banking Office tal-Bank Centrali.

Ikkonferma li darba minnhom kien ma jiflahx u kien baghat ic-cwievet mas-Sur Victor Cassar li dak iz-zmien kien joqghod fil-vicinanzi tieghu f'Santa Lucija. Wara li kien issigilla c-cwievet f'envelope, ghaddihom lis-Sur Cassar li kien ikkonsenjhom lill-persuna koncernata appena huwa rraporta ghax-xoghol fil-Bank Centrali. Is-Sur Victor Cassar kien jokkupa l-kariga ta' Principal mal-Bank Centrali u cioe` kariga gholja, ferm ghola minn tieghu u ta' fiducja. Dan kien ghamlu bl-iskop li x-xoghol tal-Bank jibqa' miexi regolarment u ma kien hemm ebda effett hazin jew avvers jew b'xi mod li l-bank gie kompromess.

Minkejja dan kollu, hu kien gie sospiz mix-xoghol u kien hemm anke talba biex jitkecca mix-xoghol. Il-proceduri damu ghaddejjin zmien twil ghal madwar tmien xhur. Hu kien spicca barra mix-xoghol u kien anke bil-half pay. Id-decizjoni finali kienet illi jigi re-instated ghax-xoghol pero` ma nghatax il-paga li kien tilef. Illi meta gie re-instated kien trasferit immedjatament ghall-Issues Department. Rega' sab problemi ma' wiccu u minhabba f'hekk wara ftit jiem irrezenja mix-xoghol ghax hass li kienu ha jaghmlulu hajtu infern.

Semma li fil-proceduri hu kien deher quddiem bord tad-dixxiplina u kien assistit anke minn konsulent legali fejn kien hemm diversi akkuzi kontra tieghu. Il-bord kien wasal ghad-decizjoni li hu kien hati. Giet esebita kopja tal-proceduri tal-Bord tad-Dixxiplina.

Xehed Joseph Sammut li semma li hu kien hadem mal-Bank Centrali ghal sittax-il sena u kien spicca fil-kariga ta' Executive. Semma li kien jaf lir-rikorrent li kien kollega tieghu ghal erbatax-il sena sakemm spicca mill-bank. Ix-xoghol tar-rikorrent kien jikkonsisti f'illi jissupervajzja lill-kaxxiera li kienu jircievu d-depoziti minghand id-Dipartimenti tal-Gvern u mbaghad jaghmel rikonciljazzjoni u jiddepozita kollox fil-vaults tal-Banking Division tas-Central Bank.

Semma li s-Senior Cashier ghandu cavetta partikolari, ic-cavetta tal-vaults hija wahda minn tnejn ghaliex hemm haddiehor li jkollu r-responsabbilta` ghal cavetta ohra biex

hadd ma jkun jista' jiftah wahdu. Ir-rikorrent kien Senior Cashier ukoll u ghalhekk kellu cavetta minnhom. Din ic-cavetta taqa' taht ir-responsabbilita' personali tal-persuni in kwistjoni.

Meta r-rikorrent kien ma jiflahx kien ghadda c-cavetta. Proprjament il-procedura hija jekk int ma tkunx tiflah, izzomm ic-cavetta d-dar, tintbaghat karozza mill-Administration Department halli tiehu dik ic-cavetta f'sealed envelope l-Administration Office fejn izommu r-registru tac-cwievet u tintbaghat lura lill-Administration f'sealed envelope. F'dan il-kaz, minnflok ma r-rikorrent stenna l-karozza, qabad u baghtha hu stess minn rajh ma' Victor Cassar li kien Manager, l-Administration Office proprju l-post fejn huma responsabbli ghac-cwievet tal-bank. Semma li r-rikorrent huwa bniedem responsabbilissimu.

Xehed John Agius Deputy General Manager Resource Management il-Bank Centrali. Dwar ic-cavetta semma li din hi security key ta' safe u tittiehed id-dar mill-persuna responsabbli u jrid igorrha fuqu. Biex jitlaqha minn idejh jista' jaghtiha biss lil key holder iehor awtorizzat u ghal dan l-iskop u trid tinghata fil-prezenza ta' ufficcjal iehor. Hemm procedura li tirregola kif tghaddi cavetta. Il-key holders huma appuntati mill-Gvernatur u tohrog fuq awtorita` bil-miktub.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta illi fil-fatt ir-rikorrent kien bniedem li jaghmel xoghol tajjeb u responsabbli hafna f'xogholu. Illi f'okkazzjoni minnhom pero', meta kien ma jiflahx, ic-cavetta li kienet tas-sejf, minflok ma ghaddieha bil-procedura kif suppost jaghmel batha ma' persuna li kienet Manager u kienet persuna responsabbli ohra. In segwitu ta' dan ittiehdu passi dixxiplinari kontra tieghu u gie akkuzat b'numru ta' affarijiet u fil-fatt gie sospiz.

Issa t-Tribunal kif specifika aktar 'il fuq iddikjara li hu ma ghandu x'jaqsam xejn ma' sospensjonijiet. Jibqa' biss li wiehed jara jekk fil-fatt, kawza tas-sospensjoni li hu ha, giex trasferit jew altrimenti tilifx il-possibilita` ta' promotion. Jekk dawn il-fatturi ma jikkonkorrux il-kaz jezorbita mill-

kompetenza tat-Tribunal. Il-fatt biss li kawza ta’ sospensjoni li spicca bil-half pay tezorbita mill-kompetenza ta’ dan it-Tribunal. Huwa vera li fil-fatt ir-rikorrent gie trasferit minn sezzjoni ghal sezzjoni ohra wara, pero` dan ma jistax jitqies illi saret xi ingustizzja mieghu meta gie trasferit ghal sezzjoni ohra. Ir-rikorrent ma jidhirx illi fil-fatt tilef promozzjonijiet ghax fil-fatt meta rega’ dahal mill-ewwel qabad u rrizenja minn rajh.

Dan it-Tribunal huwa prekluz milli jidhol biex jezamina l-validita` o meno tas-sospensjoni ghax din tezorbita mill-kompetenza tieghu. U anqas b’edba mod ma ghandu t-Tribunal il-funzjoni illi jezamina l-indipendenza tat-Tribunal li kien iddecieda fuq is-sospensjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddikkjara ruhu inkompetenti *ratione materiae* dwar it-talba tar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.